**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 15**
**Citaz. Nru. 533/95 FDP**

**Annunziato Ellul propju u ghan-nom tad-ditta Margherita Garage**

**Vs**

**Orazio Fava**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fil-5 ta' Awissu 1994 ghal xi l-11:00 a.m., waqt li Mario Agius kien qed isuq Mitsubishi

van Nru. Y-1150, proprjeta` ta' l-attur *proprio et nomine*, go Qormi Road, Luqa, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-car Cortina Nru. T-1267 misjuqa mill-konvenut (Dok. AE1);

Premess illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur *proprio et nomine* garrab danni konsistenti fl-ispejjez tar-riparazzjoni tal-vettura tieghu kif ukoll danni rizultanti minn telf ta' qligh kemm damet tissewwa l-istess vettura;

Premess illi l-attur *proprio et nomine* garrab telf ta' qligh ghaliex billi n-negozju tieghu jinkludi t-trasport ta' turisti ta' agenziji ta' l-ivvjaggar partikolari li maghhom l-attur nomine ghandu obbligi kontrattwali, kemm damet il-vettura tissewwa l-attur *proprio et nomine* kien kostrett jinkariga lil terzi biex jaghmlu x-xoghol patwit sabiex ma jinkorrix f'inadempjenzi kontrattwali;

Premess illi ghall-incident u konsgwenzjali danni kien jahti unikament l-konvenut minhabba inprudenza imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi kien hemm ammissjoni ta' responsabilita` ghall-incident da parti tal-konvenut u ta' l-assigurazzjoni tieghu tant li l-attur *proprio et nomine* thallas bla riserva ta' l-ispejjez tat-tiswija tal-van tieghu;

Premess illi ciononostante hemm rifjut li l-attur porprio et nomine jinghata risarciment ghal telf ta' qligh;

Talab ghalhekk l-attur *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tillikwida d-danni li l-attur proprio et nomnine garrab minhabba telf ta' qligh ghall-perjodu li fih dam jissewwa l-van nru. Y-1150, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *proprio et nomine* dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni ghal telf ta' qligh minnu subit;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tac-citazzjoni ghan-notifika ta' l-assiguraturi tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-esponenti qatt ma kien qal illi huwa ma ghandux jikkkompensa lill-attur ghad-danni li attwalment tilef, pero` t-talba ta' l-attur kienet ghal ferm aktar minn dak li tilef u b'hekk il-konvenut ma setax jaccetta t-talba attrici kif formulata;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju 1996 li permezz tieghu gie nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza segwit kollizjoni li grat bejn il-vetturi tal-kontendenti u li fiha jidher li l-kumpanija assiguratrici tal-konvenut accettat illi huwa kien responsabbli ghall-incident u ghalhekk assumiet li thallas id-danni; gara pero` waqt illi l-istess socjeta` assiguratrici accettat illi thallas id-danni kollha ghar-riparazzjoni tal-vettura ta' l-attur, ma kienx hemm qbil dwar danni ohra li l-attur kien qed jallega illi huwa sofra;

Illi l-attur jikkontendi illi peress li l-vann in kwistjoni ma setax jintuza ghaliex kien qieghed ghat-tiswija, huwa kien kostrett illi jqabbad lil certu Eugenio Zammit biex jissodisfa l-ftehim illi huwa kellu ma' diversi agenziji ta' l-ivvjaggar u li dan kien ifisser li huwa tilef il-qligh li kien sejjer jaghmel mill-vjaggi li kien kostrett

jghaddi lil Eugenio Zammit. Il-Qorti riedet tkun certa li l-attur ma kellux toroq ohra biex isolvi n-nuqqas tal-vann izda kemm mid-dokumenti esebiti kif ukoll mix-xhieda li huwa ta meta gie msejjah dwar dan il-punt mill-Qorti, jidher li ma kienx hemm alternattiva ghat-triq maghzula mill-attur u cioe` illi jsib vann bid-driver b'kollox u dan jidher probabbli specjalment meta wiehed jikkonsidra illi l-incident gara proprju f'Awissu; huwa xehed: "*Fuq domanda tal-Qorti nikkonferma illi mhux tieghi biss (kienu mikrija) imma ma kontx tista' issib karozza malajr dak iz-zmien u dan nispjega illi jiena ghamiltu biex nipprova nirranga s-sitwazzjoni ghaliex xtaqt li kieku nikri vann self-drive pero` f'dak il-perjodu certament xejn ma jkun disponibbli, kulhadd ikun okkupat.*";

Illi fix-xhieda tieghu Salvino Zammit ghas-socjeta` assiguratrici tal-konvenut stqarr "*jiena naghmel distinzjoni bejn loss of use u loss of earnings. Naqbel li meta ahna ddecidejna li nhallsu l-hmistax-il lira dawn konna qed nillimitaw ruhna ghal-loss of use u mhux ghal-loss of earnings ukoll.*";

Illi anki fix-xhieda ta' l-*accountant* John Zarb harget cara d-differenza bejn ir-*replacement* tal-vettura wieqfa u l-*loss of income*; izda dan l-*accountant* jidher li kkonsidra l-kaz meta d-danneggjat kera vettura ohra minflok dik wieqfa u x-xoghol baqa' sejjer bhal qabel. Huwa nsista li mhuwiex il-kaz ta' *double loss* imma "*jekk il-hlas kien l-introjtu gej mill-kuntratt, allura l-ammont tal-hlas huwa determinat bhala l-ammont gej mill-kuntratt*". Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-

konvenut fin-nota tieghu meta stqarr "*illi l-attur ma ghandux dritt jithallas darbtejn ghal dak li sofra*"; pero` ma jirrizultax li l-attur kien "*qieghed jippretendi li huwa jigi ndemnizzat fuq l-ispiza tal-vettura replacement, kif ukoll ghal-loss of earnings.*";

Illi t-tezi konvenuta kienet tkun valida kieku l-attur kera vettura ohra minflok dik wieqfa u allura huma kienu jkunu lesti biex ihallsu ghall-ispejjez kollha minhabba din is-sostituzzjoni; pero` dan ma kienx il-kaz u fil-fatt l-attur ta spjegazzjoni ferm cara meta il-Qorti sejhitlu biex jaghmel kjarifiki ulterjuri fl-ahhar ta' dawn il-proceduri;

Illi l-kaz gara proprju fl-gheqqel tas-sajf u l-attur ikkonferma li huwa ma sabx vann iehor biex jikrih halli jkun jista' jkompli bl-impenji tieghu; it-tezi konvenuta hi bbazata fuq il-premessa li l-attur kera vettura alternattiva u ghalhekk offrew l-ammont gornaljier ghall-kirja simili. Il-fatti li rrizultaw huma pero` differenti;

Illi fin-nota responsiva tieghu l-attur "*jikkonferma li huwa rceva hlas ta' Lm5 ghal kull vjagg minghand il-konvenut. Dak il-hlas kien kollu telf ghall-esponent*"; ma dan il-Qorti ma taqbilx peress li minn dan l-ammont ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez kollha li l-attur ikun inkorra kieku ma garax l-incident; il-hames liri ma humiex kollha qligh imma jinkludu spejjez oltre il-profitt - l-ispejjez iridu jigu dedotti mill-hames liri biex jinhareg il-profitt reali li l-attur sofra;

Illi peress li ma gewx nominati teknici dwar ix-xoghol u n-negozju ta' l-attur, il-Qorti hasset il-htiega li oltre t-trattazzjoni abbli tad-difensuri, terga' tisma' lill-istess attur biex jikkonferma d-dettalji kollha. Dan jidher mix-xhieda li inghatat mill-istess attur;

Illi meta gara l-kaz, inzerta li d-driver tal-vann milqut spicca mix-xoghol u l-attur gustament ma qabadx u ssostitwih peress li huwa kien jaf li l-vann kien qieghed ghat-tiswija u ghalhekk huwa ssostitwih biss wara li l-vann gie ritornat ghax-xoghol. L-attur ikkonferma li Eugenio Zammit kien responsabbli mhux biss ghall-vann bid-driver imma wkoll ghad-diesel;

Illi l-Qorti fic-cirkostanzi sejra tiddeciedi *arbitrii boni viri* l-ispejjez li l-attur kien jinkorri kieku uza l-vann ghall-perjodu in kwistjoni, bid-driver u bid-diesel necessarji;

Illi l-vann milqut dam tlettax-il gurnata jissewwa barra mix-xoghol u n-natura tan-negozju jindika illi l-vjaggi kienu jsiru f'hinijiet differenti tal-gurnata; Eugenio Zammit ghamel 99 vjagg bil-hames liri il wiehed u ghalhekk l-attur fil-final tan-nota responsiva tieghu jissottometti "*it-telf soffert mill-esponent jammonta ghal Lm495*". Il-Qorti sejra tikkonsidra wkoll li kieku ma garax l-incident u l-attur kompla jahdem bil-vann tieghu u ma kienx joqghod jitlob lil Eugenio Zammit biex jaghmillu x-xoghol, probabilment il-vann in kwistjoni kien jaghmel aktar vjaggi mid-99 illi Eugenio Zammit ghamel fit-tlettax-il gurnata in kwistjoni; certament il-Qorti tifhem illi vann

bhal dak bl-ispejjez li jgib mieghu ghandu jintuza ghal aktar minn seba' vjaggi kuljum!

Illi l-ammont li ghandu jigi dedott mis-somma mitluba mill-attur fl-imsemmija nota ghandu jigi kalkolat fl-ammont ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160).

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Bla pregudizzju ghal kull hlas li seta' sar ghat-tiswija tal-vann in kwistjoni, tilqa' l-Ewwel Domanda u tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-hsara fil-vann imsemmi fl-ammont ta' tliet mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm335).

Tilqa' wkoll it-tieni Domanda u tikkkundanna lill-konvenut ihallas lill-atttur nomine s-somma ta' tliet mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm335).

L-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwart mis-socjeta` attrici u tliet kwarti mill-konvenut. L-imghax ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-16 ta' Mejju 1995 meta l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur